

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

11788/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0214(NLE)

FISC 198
ECOFIN 1035
FL 45

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju
għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Prinċipat tal-Liechtenstein
dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali² ("il-Ftehim") tejjeb l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali bejn il-Partijiet Kontraenti u tejjeb il-konformità fiskali internazzjonali.
- (2) Ġew approvati bidliet importanti fil-livell internazzjonali fl-Istandard Komuni ta' Rapportar (CRS) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi fis-26 ta' Awwissu 2022 u ġew inkorporati fil-liġi tal-Unjoni permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226³, li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE⁴.
- (3) Għalhekk, il-Ftehim jeħtieġ li jiġi emendat biex jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-Prinċipat tal-Liechtenstein ("Liechtenstein") ikun allinjat mas-CRS aġġornat mill-1 ta' Jannar 2026 u jkompli jsir f'konformità miegħu.

² ĠU L 379, 24.12.2004, p. 84, ELI http://data.europa.eu/eli/agree_international/2004/897/oj.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L, 2023/2226, 24.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2226/oj>).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj>).

- (4) It-test tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ("il-Protokoll Emendatorju"), li huwa r-riżultat tan-negozjati, jirrifletti kif xieraq id-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill.
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/...⁵⁺, il-Protokoll Emendatorju għe ffirmat fi ... [*data tal-iffirmar*] soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll Emendatorju u d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża miegħu jiġu approvati f'isem l-Unjoni.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għe kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza tad-Deċiżjoni li tinsab f' ST 11785/2025 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (8) Il-Liechtenstein, abbażi tas-sħubija tiegħu fiż-Żona Ekonomika Ewropea, implimenta r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ permezz tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-4 ta' Ottubru 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

Artikolu 1

Il-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni⁸.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 5 tal-Ftehim u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar id-dħul fis-seħħ u l-effett tal-Protokoll Emendatorju huma b'dan approvati fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁹.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁸ It-test tal-Protokoll Emendatorju huwa ppubblikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*].

⁹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.